

**Appell ippreżentat fl-10 ta' April 2019 minn Apple Inc. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla)  
fil-31 ta' Jannar 2019 fil-Kawża T-215/17 – Pear Technologies vs EUIPO - Apple (PEAR)**

**(Kawża C-295/19 P)**

(2019/C 406/12)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellanti: Apple Inc. (rappreżentanti: G. Tritton u J. Muir Wood, Barristers, fuq l-istruzzjonijiet ta' J. Olsen u P. Andreottola, Solicitors)

Partijiet oħra fil-proċedura: Pear Technologies Ltd, l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tal-1 ta' Ottubru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) ħadhet l-appell bħala manifestament infondat u kkundannat lil Apple Inc. tbat l-ispejjeż tagħha.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunalul Bucureşti (ir-Rumanija) fit-2 ta' Awwissu 2019 – Academia de Studii Economice din Bucureşti vs Organismul Intermediar pentru Programul Operaţional Capital Uman - Ministerul Educaţiei Naţionale**

**(Kawża C-585/19)**

(2019/C 406/13)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

**Qorti tar-rinviju**

Tribunalul Bucureşti

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Academia de Studii Economice din Bucureşti

Konvenut: Organismul Intermediar pentru Programul Operaţional Capital Uman - Ministerul Educaţiei Naţionale

**Domandi preliminari**

- 1) Il-Kunċett ta' "ħin tax-xogħol", li huwa ddefinit fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/88 (1) għandu jiġi interpretat fis-sens li jfisser "kwalunkwe perjodu li matulu l-ħaddiem ikunu għax-xogħol, għad-disposizzjoni ta' min jimpjegah u jwettaq l-attivitajiet jew id-doveri tiegħu" abbażi ta' kuntratt wieħed (full-time) jew inkella abbażi tal-kuntratti kollha (ta' xogħol) konklużi minn dan il-ħaddiem?
- 2) Ir-rekwiżiti imposti fuq l-Istati Membri mill-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/88/KE (obbligu li jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li kull ħaddiem ikun intitolat għal perjodu minimu ta' serħan kull jum ta' 11-il siegħa konsekuttivi f'perjodu ta' 24-siegħa) u mill-Artikolu 6(b) tad-Direttiva 2003/88/KE (iffissar tat-tul medju ta' xogħol fil-ġimgħa għal-limitu massimu ta' 48 siegħa, inklużi s-sigħat ta' sahra) għandhom jiġu interpretati fis-sens li jistabbilixxu limiti fir-rigward ta' kuntratt wieħed jew inkella fir-rigward tal-kuntratti kollha konklużi mal-istess persuna li timpjega jew ma' diversi persuni li jimpjegaw?